- *Eċċezzjonijiet jistgħu ikunu alternattivi iżda mhux konfliġġenti*

- *Piż tal-prova tal-eżistenza tad-debitu*

- *Eċċezzjoni tal-pagament*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 3 TA' DIĊEMBRU, 2020.**

**Rikors Ġuramentat Nru. 953/2018 GM**

**JOHN CAUCHI [K.I. 101257(M)]**

**vs**

**GEORGE *sive* GINO CAUCHI [K.I. 198059(M)]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu wara li ppremetta:-

1. Illi l-esponent f'diversi okkazzjonijiet kien silef lill-konvenut varji somom ta' flus – li l-konvenut uza fost l-oħrajn għall-varji uzi personali tiegħu

inkluz għall-vjaġġi u vaganzi – komplessivament fl-ammont ta' €21,671.86 u dana kif jirrizulta mill-anness rendikont Dok A.

2. Illi għalkemm interpellat sabiex iħallas lura '1 fuq imsemmi ammont, u dana anki permezz ta' ittra uffiċjali datata 6 ta' Diċembru 2010 u oħra datata 5 ta' Novembru 2015, il-konvenut baqa' andempjenti u l-ammont għadu kollu dovut.

3. Illi fil-fehma tal-esponent il-konvenut ma jista' jkollu l-ebda difiza kontra dan il-kreditu tiegħu.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (tal-Kap 12) u dana anke *in vista* tad-dikjarazzjoni ġuramentata annessa "Dok B".

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' wieħed u għoxrin elf sitt mija u wieħed u sebgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€21,671.86) dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 1425/2018 kif ukoll ta' dawk tal-ittra uffiċjali datata 6 ta' Diċembru 2010 (Ittra Nru. 232/2010 taħt l-Artikolu 166A tal-Kap.12) u tal-ittra uffiċjali datata 5 ta' Novembru 2015 (Ittra Nru.3691/2015) u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-ewwel ittra uffiċjali, u ċjoe' dik datata 6 ta' Diċembru 2010, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Rat il-verbal tagħha tal-31 ta' Ottubru 2018 illi permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-konvenut u tagħtu żmien sabiex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu.[1]

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut ippreżentata fl-14 ta' Novembru 2018 li permezz tagħha eċċepixxa:

[1] Fol 12

1. Illi preliminarjament għandu jiġi ordnat l-allegat kopja tal-atti fl-kawza fl-ismijiet John Cauchi vs George sive Gino Cauchi u Geomike Limited, Rikors Ġuramentat bin-numru 716/2020JPG.

2. Illi t-talba attriċi għandha tiġi respinta bl-ispejjez stante illi l-attur ma għandu jieħu l-ebda ammont peress illi l-ammont pretiz ġie saldat kontra ismha fis-soċjeta' kummerċjali Geomike in segwitu għat-talba quddiem din l-Onorabbli qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet John Cauchi KI101257M vs George sive Gino Cauchi KI198059 u Geomike Limited C8820 għal kull interess li jista jkollha permezz ta' Rikors Ġuramentat bin-numru 716/2010.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti tħallas għal ammont mitlub kemm permezz ta' cheque kif ukoll bħala ammont ta' flus kontanti u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tas-smiegħ tal-kawza.

4. Illi oltre l-fatt illi kull ammont pretiz mir-rikorenti ġie saldat kull ammont stante illi kien ta' natura personali huma preskritti a tenur tal-Arti,olu 1471 tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Salv eċċezzjonijiet ohra.

Rat ir-rikors tal-attur preżentat fis-26 ta' Novembru 2018 li permezz tiegħu issottometta li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut b'mod partikolari t-tielet eċċezzjoni hija l-eċċezzjoni tal-pagament u għalhekk talab lil Qorti sabiex tordna l-inverzjoni tal-provi.[2]

---

[2] Fol 81

Rat il-verbal tagħha tal-11 ta' Diċembru 2018 li permezz tiegħu ordnat l-inverzjoni tal-provi.[3]

Rat l-atti kollha tal-każ.

**Ikkunsidrat:**

***L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.***

Fl-ordni loġiku-ġuridiku, l-ewwel eċċezzjoni li għandha titratta l-Qorti hija l-aħħar waħda (ir-raba' eċċezzjoni) għaliex hija waħda ta' preskrizzjoni, u ċjoe` tal-estinzjoni tal-azzjoni minħabba l-mogħdija taż-żmien. Ikun biss jekk din tiġi miċħuda, u allura jiġi stabbilit li l-azzjoni mhix maqtula, li l-Qorti jkollha għalfejn titratta l-eċċezzjonijiet l-oħrajn li huma fil-mertu, anke jekk il-konvenut għażel li jniżżel l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni wara u mhux qabel l-eċċezzjonijiet fil-mertu.

L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-konvenut hi abbażi tal-Artiklu 1471 tal-Kodiċi Ċivili. Dispożizzjoni li mhux biss titratta azzjoni li ċertament mhux mertu ta' din il-kawża - dwar il-ħtieġa ta' notifika lid-debitur fil-każ ta' ċessjoni jew bejgħ ta' kreditu, ta' jedd, jew ta' azzjoni - imma, iktar minn hekk, ma ssemmi l-ebda preskrizzjoni. Waqt is-smiegħ tal-kawża ma ssemma' xejn iktar dwarha mill-partijiet kontendenti. Għalhekk sejra tiġi miċħuda.

***Inkompatibilita` bejn it-tieni u t-tielet eċċezzjoni***

[3] Fol 86

Illi fir-risposta ġuramentata, il-konvenut ma jiċħadx li l-attur silfu l-flus imsemmija fir-rikors ġuramentat. Lanqas jeċepixxi li l-attur irid jipprova li sar is-self. Impliċitament jaċċetta li s-self sar. Iwieġeb biss li ħallashom lura. Dan jagħmlu l-ewwel billi jistqarr li l-ammont pretiż ġie saldat kontra ishma fis-soċjeta` kummerċjali Geomike (it-tieni eċċezzjoni) imbagħad jistqarr li ħallsu permezz ta' ċekkijiet u flus kontanti (it-tielet eċċezzjoni). L-istqarrijiet li jinstabu f'dawn l-eċċezzjonijiet huma kontradittorji għal xulxin u waħda minnhom bilfors hija falza. Filwaqt li konvenut huwa ħieles biex iressaq eċċezzjonijiet **alternattivi** bla limitu għad-difiża tiegħu, ma jistax iressaq eċċezzjonijiet imsejjsa fuq fatti, ikkonfermati bil-ġurament tiegħu, u li jkunu manifestament **kontradittorji**.[4] Għalhekk il-Qorti

[4] ara Gabriel Parnis v. Joseph Cucciardi, 16.04.2004 Qorti tal-Appell (S.T.O. Vincent Degaetano, Onor. Joseph D. Camilleri, Onor. Joseph A. Filletti) li l-Qorti tħoss li għandha tirriproduċi parti minnha, anke jekk pjuttost twila:

"12. Illi ghalkemm huwa minnu li fi proceduri bil-miktub f'materja ta' eccezzjonijiet tezisti l-possibilita` li l-eccipjent jissolleva eccezzjonijiet alternattivi, kif ukoll li jaghmel dan "bla pregudizzju", b'danakollu xorta wahda jibqa' dmir tal- parti eccipjenti li tara li f'dak li hija tkun qeghdha tasserixxi bil-gurament per via ta' eccezzjoni ma jkunx hemm hwejjeg li huma manifestament konfliggjenti. Ghalkemm ix-xjenza legali tista' twassal biex l-impostazzjoni tal- premessi u t-talbiet fl-att tac-citazzjoni, kif ukoll l- eccezzjonijiet fin-nota tal-konvenut isiru b'certa teknika u hila, dan ma jfissirx li parti f'kawza ghandha tithalla tbiddel impenement att procedurali f'espedjent ta' mera konvenjenza jew, aghar u aghar, fi stratagemma intiza biss biex tinnewtralizza l-azzjoni istitwita kontriha mill-parti l-ohra. Fi kliem aktar semplici, kull parti ghandha d-dmir li tkun veritjera u lejali lejn il-Qorti u lejn il-parti avversarja fl-interess suprem tal-gustizzja. Fil-kaz in ezami, jidher evidenti li l-parti konvenuta riedet tkun, kif jinghad bl-Ingliz "*too clever by half*". Fl-istess nifs li l-konvenuti qeghdin jichdu bil-gurament taghhom zewg fatti specifici, igifieri li huma rcevew in depozitu ammont ta' flus, kif ukoll numru ta' oggetti tad-deheb minghand l- atturi, qed jghidu li jekk stess dan kien minnu (!) allura huma kienu "a loro volta" kredituri ta' l-atturi u li kemm-il darba tali talba da parti ta' l-atturi kellha tintlaqa', din ghandha tiġi pacuta mal-kreditu pretiz minnhom.

"13. Din il-Qorti wara li ezaminat akkuratament is- sentenza appellata, jidhrilha li l-ewwel Qorti kienet altru milli korretta meta sabet li l-asserzjonijiet tal-konvenuti – kif jemanaw min-nota ta' eccezzjonijiet u esposti mill-gdid u b'izjed enfasi fit-talba rikonvenzjonali – bhala kontradittorji. Mhux hekk biss, imma l-ewwel Qorti sabet ukoll li b'dak li qeghdin jasserixxu l-konvenuti ghal fini ta' tpacija – igifieri li hemm zewgt idjun x'jigu pacuti ma' xulxin – li b'daqstant il-konvenuti kienu qeghdin effettivament jirrikonoxxu l-kreditu pretiz mill-atturi. Din il- Qorti hija pjenament konkordi ma' dak li gie ritenut mill- ewwel Qorti.

"14. L-izball li bir-rispett kollu qeghdin jaqghu fih l-appellanti fis-sottomissjonijiet taghhom huwa dak li ma humiex jiddistingwu sew bejn eccezzjonijiet alternattivi ghal xulxin minn ohrajn li huma konfliggjenti. Di fatti, l-appellanti fir-rikors ta' appell taghhom sahansitra jesprimu ruhhom hekk,

" '....sincerament l-esponenti ma jarawx ghalfejn ma ghandux ikun permess li jingiebu eccezzjonijiet konfliggjenti ghal xulxin, basta jkun car il-kuntest; hija fil- fatt prassi regolari li dan isir, u rarament ma jitqajmux eccezzjonijiet li jkunu b'xi mod alternattivi ghal xulxin, bil- premessa li qed isiru 'minghajr pregudizzju' ghal xulxin'.

"Bil-fatt, imbaghad, li l-istess konvenuti iddecidew li jikkonvertu dawn l-"eccezzjonijiet konfliggjenti ghal xulxin" fi premessa specifika biex jintavolaw talba rikonvenzjonali kien ifisser li huma komplew jissiggillaw mod ta' procediment li kien

għandha raġuni biżżejjed biex, fir-rigward tat-tieni u t-tielet eċċezzjoni, tiċħadhom it-tnejn u tieqaf hawn. Illi fi kwalunkwe każ, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova la tat-tieni u lanqas tat-tielet eċċezzjoni. Mill-provi akkwiżiti jirriżulta b'mod ċar li d-debitu li qiegħed jirreklama l-attur huwa prinċipalment għal self ta' diversi ammonti ta' natura personali lill-konvenut u m'għandhomx x'jaqsmu mal-kumpannija Geomike.

### *Piż tal-prova*

Bħala kreditur, l-attur hu fid-dmir li jipprova li jeżisti debitu, li dan id-debitu għadu dovut, u li d-debitur tiegħu baqa' inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta ċrealizzata u sodisfatta din il-prova illi mbagħad l-oneru jisposta fuq il-konvenut debitur li jallega l-pagament. Dan il-principju għandu l-fondament tiegħu fuq il-bażi li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe`, l-attur l-esigibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju *actore non probante reus absolvitur*.[5]

### *Prova tas-self*

manifestament wiehed skorrett u kontradittorju, u li kien iwassal lejn certa finalita` li timmilita kontra taghhom. Quddiem dan kollu, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddilunga oltre dwar l-aggravju tal- konvenuti peress li jidhrilha li huwa wiehed manifestament infondat u ghandu jigi respint."

[5] Manuel Zerafa v. Nazzareno Muscat Scerri, Qorti Civili, Prim'Awla, *coram* Onor. Imħ. Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970; Taliana Carmen v Vassallo Cesareo Leonard 03.11.2004 Qorti tal-Appell *coram* Onor. Imħ. Philip Sciberras.

Illi l-kontendenti huma aħwa. L-attur jallega illi huh il-konvenut huwa debitur fil-konfront tiegħu għas-somma ta’ €21,671.86 total ta’ diversi ammonti li silfu għall-infieq personali tiegħu, meta kien għaddej minn żmien finanzjarjament diffiċli. L-attur jallega li għadda lil ħuħ dawn l-ammonti:

i. €1,164.69 ħlas ta’ *computer* li ordna l-konvenut. Bħala prova ta’ dan il-pagament, l-attur ippreżenta affidavit tal-persuna li bena hu stess il-*computer* fuq inkarigu tal-konvenut u tħallas mill-attur.[6]

ii. €605,64 ħlas għall-biljetti tal-ajru għal-Londra ghal-konvenut u s-sieħba tiegħu.

iii. €242.96 – flus kontanti sabiex il-konvenut ikollu x’jonfoq ġewwa Londra. Dan ġie korraborat permezz tax-xhieda ta’ Ronnie Cauchi li kien preżenti.[7]

iv. €2,078.97 nofs il-ħlas lil MEPA (illum Awtorita’ tal-Ippjanar) inkonnessjoni mal-iżvilupp tal-propjeta’ ġewwa Ħal Tarxien. Fix-xhieda li ta l-konvenut f’kawża oħra, jikkonferma illi dan il-ħlas verament sar mill-attur u ta’ dan qatt ma tħallas lura.[8]

v. €119.73 – ħlas ta’ akkomodazzjoni ġewwa *Westin Dragonara* għal-ħabib tal-konvenut. L-attur ppreżenta *statement* tal-kont tal-bank li minnu ħareġ dan il-pagament.[9]

[6] Dok CX2 a fol 63.

[7] Dok RC1 a fol 84

[8] Ara pagna 25 ta’ Dok CX1 a fol 25

[9] Dok CX4 a fol 66

vi. €1,302.33 ħlas in konnessjoni ma' safra li l-konvenut għamel biex jiltaqa' ma' ħabib tiegħu ġewwa l-Italja.

vii. €12,639 ammonti li nefaq il-konvenut permezz ta' ċekkijiet mill-kont tal-attur permezz ta' prokura a favur tiegħu. Din il-prokura ġiet revokata fit-23 ta' Frar 2010. L-attur preżenta kopja taċ-ċekkijiet in kwistjoni.[10]

viii. €3,518.54 – ammonti minfuqin mill-konvenut mill-*credit card* tal-attur meta kien imsiefer mas-sieħba tiegħu ġewwa il-Mauritius. L-attur kien silifielu biex jużaha f'każ ta' emerġenza biss. Dan jirriżulta minn *statement* tal-bank esibit. Ix-xhud Ronnie Cauchi kkorrabora dan kollu għalkemm ma ndikax l-ammonti eżatti.[11]

Din l-evidenza ppreżentata mill-attur, li hija wkoll ikkonfermata bil-ġurament tiegħu hija prova suffiċjenti tas-self in kwistjoni. Ma sarlu l-ebda kontro-eżami.

**Dispożittiv:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

1. Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenut.

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba.

[10] Dok CX5 a fol 67 et seq

[11] Dok RC1 a fol 84

4. Tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' wieħed u għoxrin elf sitt mija u wieħed u sebgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€21,671.86).

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 1425/2018 kif ukoll ta' dawk tal-ittra uffiċjali datata 6 ta' Diċembru 2010 (Ittra Nru. 232/2010 taħt l-Artikolu 166A tal-Kap.12) u tal-ittra uffiċjali datata 5 ta' Novembru 2015 (Ittra Nru.3691/2015), bl-imgħaxijiet legali mis-6 ta' Diċembru 2010, sad-data tal-pagament effettiv a karigu tal-konvenut.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA